Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 24 t' Ottubru 2023**

**Kump. Nru. 313/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Versus**

**Niro Spagnol**
**(48905L)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Niro Spagnol**, detentur tal-karta tal-identita' 48905L.

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Gunju, 2022 ghal habta tal-hinijiet bejn 8PM u 9PM gewwa San Gwann :

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Naomi Pace f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil- gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq persuntha, hekk kif iccertifikaw Dr Daniel Desira (Med Reg 4652) u Dr Thomas Degiorgio (Med Reg 4112).

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jaghmel xi reat, jew bil -hsieb li jgieghel lil Naomi Pace, taghmel xi haga jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

3. Hebb sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil Naomi Pace jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici.

4. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali lil Naomi Pace jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

U akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi

5. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D., datati 24 ta' Mejju 2022 f'dan li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat iehor.

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Niro Spagnol u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmija imputat u, jew tordna li s-somom marbuta jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Niro Spagnol a beneficcju ta' Naomi Pace u l- familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f' kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghall-persuni ta' Naomi Pace jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Niro Spagnol billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq u, jew torbot lil Niro Spagnol b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli pprezentati fit-13 ta' Marzu 2023, (esebiti *a fol.* 63 ta' l-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(iii)(b), 218(1)(a)(b), 222(1)(a), 202(h)(v)(vi) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda ta' Naomi Pace u ta' l-iSpettur Eman Hayman, li xehdu fis-16 ta' Gunju 2022 u fit-13 ta' Ottubru 2022.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qieghda tirrimetti ruhha ghall-provi u semghet it-trattazzjoni finali tad-Difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-iSpettur Eman Hayman xehed illi fl-10 ta' Gunju 2022 waqt illi kien l-ghassa kien gie infurmat illi Naomi Pace rraportat illi kien hemm incident gurnata qabel fid-9 ta' Gunju 2022 u li kienet marret il-polyclinic fejn it-tabib kien indika li kellha griehi hfief. Kienet giet irreferuta l-isptar ghal aktar testijiet fejn marret l-ghada fl-10 ta' Gunju 2022, fejn irrizulta illi kellha griehi gravi ghax kellha ksur f'imnehirha. Naomi kienet qalet lill-pulizija illi waqt illi kienet ma' Niro Spagnol kien cemplilha persuna maskili u Niro aggrediha, qabad jaghtiha u anke gidimha. Kien heddidha u nsulentaha. Niro ddispjacih ta' dak li gara, izda Naomi harget mid-dar u marret il-clinic. Ix-xhud qal illi hu kien baghat lill-Pulizija d-dar ta' Niro izda ma sabuhx, u hu kien kellem lil hu Niro biex jghidlu jmur l-ghassa. Fil-fatt Niro kien mar l-ghassa ta' San Giljan, u kkopera maghhom. Fil-kontro ezami, ix-xhud qal illi Naomi kienet qalet illi Niro kien gidimha kif huwa indikat ukoll fic-certifikat. Ix-xhud ikkonferma l-PRS report immarkat Dok NS4 u l-istqarrija li kien ha lill-imputat hu stess, fejn l-imputat ma kienx wiegeb ghal ebda domanda, wara li kien tkellem mal-avukat tieghu. Ix-xhud gharaf l-firem tieghu f'Dok NS5 u tal-kollegi tieghu, ghalkemm Niro ma kienx iffirma. Ix-xhud kompla jghid illi Dok NS6 u NS7 huma c-certifikati tat-tabib fejn f'NS6 il-griehi huma gravi, filwaqt illi f'NS7 il-griehi huma indikati bhala hfief. Dok NS8 huma ritratti li gew ipprezentati forma ta' CD.

Illi l-*parte civile* Naomi Pace xehdet illi hi kienet l-ex partner ta' Niro Spagnol, l-imputat li gharfet fl-awla, u li hi kienet ghamlet rapport li fid-9 ta' Gunju 2022, filghaxija kellha xi tghid ma' Niro waqt illi kienu d-dar, u l-imputat kien sawwatha b'idejh, wara li kienet irceviet voice message minghand missier it-tifel, u meta fethitu haseb li kien ragel iehor. Marret il-polyclinic u qalulha li kellha griehi hfief, izda meta marrret l-isptar ghamlulha CT Scan u sabu li kellha griehi gravi ghax kellha ksur f'imniehirha. Qalet illi l-imputat kien baghtilha xi messaggi dakinhar imma ma tiftakarx x'qalilha u lanqas jekk kienx heddidha. Hi qalet illi ma riditux li jmur il-habs, izda riedet biss garanzija ghax ma kinitx ghadha f'relazzjoni ma' Niro. Fil-kontro ezami x-xhud ikkonfermat illi ma xtaqitx tixhed fil-konfront ta' Niro, li lesta tahfirlu u kienet ser tirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli. Ikkonfermat illi wara l-incident hi telqet mill-post minghajr hadd ma waqafha u marret il-polyclinic. Wara li marret l-isptar il-pulizija saqsewha x'kien gara, u b'hekk kienet ghamlet rapport u taghthom ic-certifikati, izda ma kellhiex recordings ta' CCTV u lanqas ritratti. Fit-13 ta' Ottubru 2022, il-*parte civile* kkonfermat quddiem il-Qorti

li ma kellhiex aktar interess f'dan il-kaz, u li hadd ma kien gieghla taghmel din id-dikjarazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-*parte civile* mill-ewwel ma xtaqitx tixhed fil-konfront tal-imputat u ghalkemm kellha tixhed, hi naqset milli tikkonferma fid-dettal dak li gara dakinhar ta' l-incident odjern. Il-*parte civile* reghet ikkonfermat f'Ottubru 2022 li kienet hafret lill-imputat u xtaqet tirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali kif ukoll semghat ix-xhieda, il-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **mhux hati** ta' l-akkuzi migjuba kontrih u qed tilliberah minnhom.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**